MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2196/2000/1

**Citaz Nru: 2196/00 JA.**

**Geordie Company Ltd.**

**-vs-**

**Mario Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fid-29 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha ppremettiet:

Illi l-konvenut kien akkwista minghand is-socjeta' attrici hwejjeg u accessjorji u fadallu jaghti lis-socjeta' attrici l-bilanc ta' tlett elef tmien mija u tnejn u disghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm3892.03) u dan kif jirrizulta mill-invoices

hawn annessi u mmarkati bhala Dok A sa Dok E rispettivament;

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef tmien mija u tnejn u disghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm3892.03);

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi biex jhallas dan l-ammont, baqa' inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici l-konvenut m' ghandhux eccezzjonijiet x' jaghti ghat-talba ta' l-istess socjeta attrici;

Ghalhekk titlob lill din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 et seq. Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta u in vista tal-affidavit guramentat hawn annessa u mmarkata bhala Dok. FA 1;

1. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef tmien mija u tnejn u disghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm3892.03) bhala bilanc lilha dovut ghal hwejjeg u accessorji kkonsenjuati lill-konvenut u dan kif jirrizulta mill-invoices hawn annessi u mmarkati bhala Dok A sa Dok E rispettivament.

2. Tikkundanna lill-konvenut jhallas l-imghax skond il-ligi mid-data li l-pagament kien dovut skond l-ittra ufficjali datata (sic) ta' Mejju, 1999.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata (sic) ta' Mejju, 1999 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Franco Azzopardi fid-29 t' Ottubru, 2000 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fis-7 ta' Dicembru, 2000 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma preskritti u dan ai termini ta' l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili (Kap 16);

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nforndati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici u dan ghaliex l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit jekk verament huwa dovut xi ammont dan certament mhuwiex dak mitlub mis-socjeta' attrici;

4. Illi fir-raba' lok il-konvenut u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost kien inghata l-hwejjeg u accessorji mis-socjeta' attrici fuq ftehim ta' konsenja. Illi l-konvenut diversi drabi talab lis-socjeta' attrici sabiex tigbor lura dawk il-hwejjeg u accessorji li ma' kienux inbieghu;

5. Illi l-hwejjeg u accessjorji in kwestjoni ma' kienux tan-natura patwita;

6. B' rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru, 2003 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2148 tal-Kodici Civili. Dan jghid illi l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija u oggetti ohra mobbli mibjugha bl-imnut jaqghu bil-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar (ghalkemm il-konvenut ma pprecizax liema subartikolu kien qed jirreferi ghalih – pero' jidher car li kien qed jirreferi ghas-subartikolu [b]).

Il-kwistjoni ghalhekk hija jekk ir-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti kienitx taqa' taht il-bejgh imsemmi f' dan is-subartikolu u jekk dan jirrizulta, jekk il-perjodu preskrittiv giex interrot.

Wiehed mill-ewwel jinnota li din il-preskrizzjoni tapplika ghall-bejgh bl-imnut (retail fit-traduzzjoni ingliza). Dan ifisser bejgh fi kwantitajiet zghar lill-pubbliku – bl-ingliz skond id-dizzjunarju ***sale of goods in small quantities to the public, usually through a shop***.

F' dan il-kaz il-konvenut ma kienx qed jixtri bl-imnut ghaliex in effetti hu kien qed jixtri bi kwantitatjiet sufficjenti bizzejjed ghall-hanut tieghu biex imbaghad hu jerga jbieghhom. Hu ma kienx il-pubbliku izda xtara bl-intenzjoni li jbiegh lill-pubbliku u l-kwantitajiet illi xtara certament ma kienux zghar.

Ghalhekk una volta stabbilit dan, l-eccezzjoni tieghu mhijiex fondata legalment u jekk kien hemm preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali tahat l-Artiklu 2156 (f), liema perjodu preskrittiv ma ghaddiex ghaliex fil-waqt li n-negozju guridiku sehh fl-1996, il-kawza infethet fl-2000.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna li din l-kawza titkompla fuq il-mertu.**

**L-ispejjez ta' dan l-istadju jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------